MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) GHAWDEX

## MAGISTRAT DR. MICALLEF TRIGONA ANTONIO LL.D., MAG., JURIS (EU LAW)

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 95/1997/1

Noel Zammit u b'nota tal-10 ta' Marzu 1998 Bernard Zammit assuma l-atti ta' din il-kawza minflok Noel Zammit stante li dan jinsab imsiefer

vs

Joe Buttigieg

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur fejn talab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihalsu l-ammont ta' tliet mija u disghin lira Maltin (Lm390) liema ammont huwa dovut ghal danni li gew ikkagunati minnu fil-karozza tal-attur liema danni gew ikkagunati meta din il-karozza ittiehdet ghandu sabiex ibidlilha z-zejt.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tat-2 ta' Mejju 1997 u tal-ittra ufficjali tad-29 ta' Lulju 1997. Bl-imghaxijiet mit-2 ta' Mejju 1997 sad-data tal-hlas effettiv.

Il-konvenut imharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minni ssa qieghed jigi ngunt.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi l-eccipjent ma kkaguna ebda hsara jew danni fil-karozza tal-attur u t-talba ghall-kundanna ta' hlas tad-danni allegatament sofferti mill-attur fil-karozza tieghu u li taghhom l-attur qieghed jattribwixxi r-responsabilita lill-konvenut hija totalment infondata fid-dritt u fil-fatt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes kontra l-attur;

2. Illi d-difett jew hsara fil-gearbox tal-karozza tal-attur kien jezisti qabel ma' l-vettura ttiehdet ghand il-konvenut biex jibidlilha z-zejt tal-magna u tal-gearbox u c-cinga tat-timing belt u dan id-difett l-attur kien jaf bih il-ghaliex f'okkazzjonijiet precedenti u qabel ma hadha ghand il-konvenut huwa kien esprima l-preokkupazzjoni tieghu ma' terzi dwar il-fatt li l-gears tal-vettura tieghu kienu iebsin hafna;

3. Illi f'okkazzjonijiet precedenti l-attur kien ukoll ikkonsulta mal-konvenut dwar l-problema li kellu fil-gearijiet tal-karozza izda meta ha l-karozza ghand il-konvenut xi xhur wara, din hadha mhux dwar din il-problema tal-gearijiet izda f'din l-okkazjoni l-konvenut gie inkarigat semplicement biss biex ibiddel iz-zejt tal-magna, iz-zejt tal-gearbox u c-cinga tat-timing belt;

4. Illi l-konvenut ghamel biss xoghol fil-karozza tal-attur dak li l-attur inkarigah li jaghmel u cioe' biddel iz-zejt tal-magna, iz-zejt tal-gearbox u t-timing belt u ma mess jew ghamel tiswija f'ebda parti ohra tal-karozza u z-zjut u c-cinga tat-timing belt gew ipprovduti lill-konvenut mill-attur innifsu;

5. Illi z-zejt li l-attur issuplixxa lill-konvenut ghall-gearbox tal-karozza kien ta' kwalita specjali u mhux bhaz-zejt li

normalment jintuza ghal gearboxes u dan sar proprju biex il-gearijiet ma jinhassux iebsin kif kien qieghed jilmenta l-attur qabel ma dahhal il-vettura biex ibidlilha iz-zejt ghand il-konvenut.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat il-provi prodotti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Illi qabel ma din il-Qorti tghaddi ghall-meritu ta’ l-azzjoni trid tindirizza talba tal-konvenut ghall-isfilz tax-xhieda ta’ l-attur cioe’ Noel Zammit. Din ix-xhieda hi dik a fol. 43 et seq li tirrizulta saret permezz ta’ affidavit fil-21 ta’ April 2001 quddiem Nutar Pubbliku f’New York, l-Istati Uniti tal-Amerika, fejn mar jirrisjedi l-attur wara li kien intavola l-kawza odjerna. Dr Mario Scerri ghall-konvenut oggezzjona fuq zewg binari: l-ewwel li l-affidavit gieipprezentat wara li l-attur kien ittermina l-provi; it-tieni billi l-procedura dwar smiegh ta’ xhieda li jirrisjedu l-esteru ghandha issir permezz ta’ rogatorji u mhux permezz ta’ affidavit. Fil-verita jirrizulta mill-atti li x-xhieda in meritu giet prezentata wara li din il-Qorti differentement preseduta kienet gja sfilzata mill-atti skond verbal folio 26. Din il-Qorti kif allura preseduta kienet ordnat l-isfilz “peress illi ma saritx skond il-ligi bil-procedura rogatorjali”. Din il-Qorti kif issa preseduta ghalkemm mhux necessarjament taqbel mar-raguni stante li l-procedura ta’ ittri rogatorjali regolata bl-Artikolu 613 et seq tal-Kap 12 jidher li tapplika fil-Qrati ta’ Gurisdizzjoni Superjuri xorta hi tal-fehma li m’ghandhiex tbiddel jew tvarja d-digriet kemm ghaliex ma gietx segwita il-procedura imsemmija fl-Artikolu 606 tal-imsemmi Kap u kemm ghaliex u trattandosi ta’ digriet interlokutorju l-anqas u f’kull kaz ma saret skond il-procedura prevista u imposta bl-Artikolu 229 subparagrafu 3 tac-citat Kap.

Illi indipendentement minn kollox pero’ din il-Qorti xorta wahda jidrilha li l-attur ma rnexxiex fil-prova li kien il-

konvenut li kkawza l-hsara fil-gearbox tal-vettura tieghu kif minnu reklamat. Difatti fil-waqt li anka jekk din il-Qorti kellha taccetta illi l-kawza tal-hsara fil-gearbox kienet dovuta ghaliex inqala’ bolt u meta rega’ twahhal f’postu l-gerijiet tilfu l-allinjament taghhom xorta b’daqshekk ma giex pruvat li kien il-konvenut li kkawza tali malfunzjonament. Anzi l-Qorti fuq dan tara li x-xhieda tal-konvenut u t-terza persuna minnu prodotta, li kienet presenti kemm meta sar diskors in propositu ghal gerijiet u sia meta l-attur kien ha l-vettura tieghu l-garage tal-konvenut, turi li l-hsara fil-gerijiet kienet gja esistenti.

Inghad dan il-Qorti qeghdha tiddeciedi l-kawza billi tichad t-talba attrici bl-ispejjez tal-kawza kontra taghha.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat.

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur